MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 636/2004/1

**BRIAN FARRUGIA (509974M)**

**Vs**

**CHARLES DELIA (366558M)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tas-14 ta' Jannar 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti*

*Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-attur, wara li ppremetta lli matul l-1999 l-attur ghamel xoghol ta' kostruzzjoni gewwa razzett fil-Qrendi, liema xoghlijiet saru fuq inkarigu tal-konvenut;*

*Premess illi sal-lum il-konvenut ghadu debitur tal-attur fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) ghax-xoghol minnu maghmul;*

*Peress illi l-konvenut debitament interpellat sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija baqa' inadempjenti;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi;*

*1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) bhala hlas ta' xoghol ta' kostruzzjoni li l-attur ghamel fuq l-inkarigu tal-konvenut.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-25 ta' April 2000, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa min issa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.*

*Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata mill-attur (fol 3 ibid) u li biha espona bir-rispett:*

*1. Illi matul l-1999, l-esponent ghamel xoghol ta' kostruzzjoni gewwa razzett fil-Qrendi, liema xogholijiet saru fuq inkarigu tal-konvenut.*

*2. Illi sal-lum il-konvenut ghadu debitur tal-esponent fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500).*

*3. Illi l-konvenut debitament interpellat sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija baqa' inadempjenti. Sahansitra meta l-esponent talab lill-konvenut sabiex jaghmel il-hlas, dan aggredieh u kkagunalu anke feriti gravi. Ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.*

*Rat il-lista tax-xhieda a fol 4 ibid.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett :*

*1. Illi in linea preliminari l-gudizzju mhux integru.*

*2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut.*

*3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, l-attur ghandu qabel xejn jispecifika ghal-liema xogholijiet qieghed jippretendi s-somma pretiza fic-citazzjoni.*

*4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, ix-xogholijiet in kwistjoni ma sarux skont is-sengha u l-arti.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata mill-konvenut (a fol 9 ibid) u li biha espona bir-rispett:*

*1. Illi in linea preliminari l-gudizzju mhux integru.*
*2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante lli l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut.*
*3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, l-attur ghandu qabel xejn jispecifika ghal-liema xogholijiet qieghed jippretendi s-somma pretiza fic-citazzjoni.*
*4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, ix-xogholijiet in kwistjoni ma sarux skont is-sengha u l-arti.*

*Rat il-lista tax-xhieda a fol 10 ibid.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbal a fol 13.*

*Rat in-<u>nota</u> tal-istess konvenut sabiex dan jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 34 tal-Att numru IX tal-2004 (fol 73 ibid) kif ukoll id-digriet relattiv moghti fil-8 ta' Novembru 2004 (fol 74 ibid) oltre l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2001 (fol 17 ibid) minn fejn jidher li l-konvenut ma kienx qed jinsisti fuq l-ewwel (1) eccezzjoni, hawn fuq citata.*

*Semghet it-trattazzjoni.*

*<u>Ikkunsidrat.</u>*

*Illi l-<u>attur</u>, fl-"affidavit " sottomess minnu u li jinsab a fol 21 sa fol 24 tal-atti, spjega li l-konvenut inkarigah sabiex ikahhal u jbajjad razzett kollu kif ukoll jpoggi l-"waterproof membrane" fuq il- bejt u jibni pixxina u akwarju, dan tal-ahhar fl-art tal-kcina oltre xi bicciet zghar ta' xoghol iehor. Ta' dan ix-xoghol, l-attur kien hareg stima hlief ghall-pixxina u ghal dawk il-bicciet zghar*

*imsemmija. L-attur l-ewwel lesta x-xoghol ta' tibjid u tikhil u fil-fatt dwar dan ma kien hemm ebda lment u thallas. Sussegwentement kien pogga l-imsemmi "membrane" u anke ta' dan ix-xoghol kien thallas. Inoltre kien lesta dak li hu sejjah "backwash" tal-pixxina kif ukoll tal-akwarju msemmi. Ghalhekk kien beda dak li kien jirreferi ghall-pixxina propja. L-attur qal ukoll li hu kien jixtri u jhallas hu stess il-materjal mehtieg u ghall-bidu, hu kien jaghti l-ircevuti lill-konvenut, li kien jhallsu mmedjatament. Pero' wara li tlesta l-"membrane", avolja kien itih l-ircevuti, il-konvenut ma baqax ihallas tal-materjal u meta hu, l-attur, kien talbu l-hlas, dan kien wiegbu li ser jithallas meta jigi kompletat ix-xoghol kollu. Fl-istess perjodu, il-konvenut kien ilmenta mieghu li l-istess "membrane" kienet bdiet tinqala' minn postha u avolja kien cert li wahhlu sew, l-attur acetta li dan jinbidel kollu izda l-konvenut rega' ghamel l-istess ilment. Ghalhekk hu u l-konvenut kienu, flimkien marru jaraw l-istess "membrane" u l-attur kien ra granpun fuq il-hajt u l-konvenut kien qallu li l-istess grampun, kien juzah sabiex ".... gbidt il-'membrane' bih". Minhabba hekk, hu kien irrabja peress li "... il-konvenut stess kien ikkonfermali li l-'membrane' ... kien hu stess li kien qed jaqilghu". Ghalhekk l-attur hawnhekk isostni li hu u l-konvenut ftehmu li hu ma jkomplix ix-xoghol u gie mitlub sabiex johrog kont tax-xoghol "... li ghamilt sa dak in-nhar u li ma kontx ghadni thallast ghalih". Meta kien tah il-kont, il-konvenut kien accetta li jhallsu izda wara dan kien ilmenta li kien eccessiv avolja l-attur sostna li seta' jaghmel il-verifika mal-ircevuti li kien di gja ta lill-konvenut (ara fol 24 ibid).* <u>*In kontroesami*</u> *(fol 59 et seq ibid) hu kkonferma li kien ghamel "... hafna xoghol iehor fid-dar tal-konvenut" inkluz tibjid fis-saqaf kif ukoll fil-"backwash" tal-pixxina u dan ghal madwar tliet xhur. Inoltre dwar xoghol iehor li kien dam madwar sentejn sabiex jaghmlu, hu kien thallas. Hawnhekk semma li in rigward xoghol ta' tikhil u tibjid hu ma kienx qed jippretendi xi hlas f'din il-kawza ghax kien thallas Lm500 (hames mitt lira Maltin). Dwar dan il-hlas, hu ma kienx irilaxxa l-ebda ircevuta izda kien ta l-ircevuti lill-konvenut in kwistjoni ma' materjal li l-attur kien xtara (ara d-dokument a fol 24 ibid).*

*Dwar perit hu semma li kien gie xi darba jew darbtejn "... l-assistent perit" inkarigat mix-xogholijiet u dan qatt ma kien immarka li t-tikhil ma kienx qed isir skont is-sengha jew "... b'mod hazin". In rigward il-'membrane', l-attur kien insista li din kienet tpoggiet b'mod tajjeb izda l-konvenut ma kienx tal-istess opinjoni u ghalhekk giet maqtugha u tpoggiet mill-gdid izda xorta wahda l-konvenut ma kienx kuntent. Pero' l-attur qal ukoll li hu kien thallas ghal dan ix-xoghol u ma kienx qed jippretendi xi hlas ghalih. Ghalhekk hu kien*

*jippretendi hlas ghax-xoghol li kien ghamel fl-imsemmi "backwash", il-bini ta' akwarju u l-pixxina (ara l-imsemmi dokument a fol 24 ibid) u dwar dan ix-xoghol, qatt ma kellu lment mill-"assistant perit". (ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Farrugia missier l-attur fl-'affidavit' a fol 26 ibid u li ghen lill-ibnu fix-xoghol in esami, ta' Michelle Farrugia imparentata bi zwieg mal-attur fl-affidavit a fol 27 u li qalet li l-konvenut kien dejjem jfahhar ix-xoghol li kien qed isir mill-attur u ta' Rosina Attard li xehdet dwar Grezzju Zammit (ara "infra") u l-assistent socjali li dan jircievi oltre li rregistra ghax-xoghol),*

*Illi dwar Grezzju Zammit (fol 164, 167 u fol 176 et seq ibid), dan xehed li hu jidher li tnejn mir-ritratti annessi a fol 64 ibid, markati CD1 U CD4 . Hu sahaq li l-konvenut kien inkarigat sabiex jirrimedja ghax-xoghol ta' haddiehor fl-imsemmi "aquarium" billi jnehhi l-konkos u jpoggi mill-gdid konkos iehor bil-"fibre" fil-gnub. L-istess "aquarium" ma kellux kisi stante li kien bil-madum. Hu sostna dwar il-konkos li kienet faqqghet ix-xibka tal-konkos impoggi mill-attur. Hu qal li kien ilu jaghmel xoghol bhal dak in esami ghal hafna snin. Sussegwentement hu spjega f'aktar dettal, ix-xoghol li hu ecepixxa, inkluz f'bir (ara wkoll ir-ritratti esebiti mix-xhud a fol 167 ibid).*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-konvenut (fol 32, fol 108, fol 129 u fol 161 et seq ibid) xehed li wara li l-perit tieghu lesta l-pjanti hu kien inkariga lill-attur. Dan beda billi ghamel it-tikhil minghajr tibjid u hu kien jhallsu meta kien jispicca mix-xoghol f'kamra. Wara li ghadda xi ftit ta' zmien, induna li t-tikhil kien qed jinqasam. Sussegwentement, l-attur ghamel ix-xoghol fuq il-'membrane' li wara li ghaddew ftit xhur bdiet tinqala' u kif ghamel qabel, fil- kaz tat-tikhil ha l-pariri tal-Perit Salvino J. Camilleri, u dan qal li l-bazi ma kinitx skont is-sengha. Fil-fatt wara li ghadda hafna zmien, l-attur iddecieda li jaqilghu. Il-konvenut cahad li kien hu stess li kien qed jaqla' dan il-'membrane'. Inoltre, hu xtaq li jsir 'aquarium' taht il-kcina u l-attur kellu jhaffar l-art u jiksiha bil-konkos. Anke f'dan il-kaz l-istess Perit kien qallu li x-xoghol kien sar hazin. Fil-fatt, in rigward dan ix-xoghol, kien inkariga ragel iehor (probabilment Grezzju Zammit) sabiex jkomplih u meta kien inqala' l-konkos kollu fil-giebja, kien ra hafna li ma kienetx imtliet mill-attur. Dwar ix-xoghol fil-pixxina, il-konvenut sahaq li l-istess Perit kien qallu wkoll li x-xoghol ta' tqattigh biex il-pixxina tiddawwar bil- "bricks" kien ukoll difettuz u ghalhekk kien waqqaf lill-attur milli jkompli x-xoghol. Il-konvenut kompla billi qal li hu kien diga' hallas Lm4000 (erba t'elef lira Maltin) lill-attur meta hu u l-Perit kienu ddecidew*

*flimkien li jwaqqfu lill-attur milli jkompli x-xoghol minhabba li l-istess attur kien inkompetenti. Minhabba hekk hu kellu, kif diga' inghad jinkariga persuna ohra u din kellha tithallas ukoll anke tat-tnehhija tax-xoghol ezegwit b'mod hazin mill-attur u in rigward materjal gdid, fi kliemu stess "kollox doppju". In kontroezami, hu semma li Salvino J. Camilleri li kien tah il-pariri dwar ix-xoghol tal-attur kien jafu "... bhala Perit". Dan kien ghamel id-disinji tad-dar in kwistjoni u kellu ufficju fil-Fgura. Inoltre kkonferma li kien inkariga lil Grezzju Zammit sabiex jkompli x-xoghol wara li kien waqqaf lill-attur. Fl-istess kontroezami, il-konvenut ilmenta wkoll dwar dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol involut da parti tal-attur (ara wkoll ix-xhieda ta' Damien Delia, iben il-konvenut, a fol 36 u fol 111 et seq ibid).*

*Illi l-"ass. Arkitett" Salvino J. Camilleri (fol 47, fol 50, fol 120, fol 123 u fol 131 et seq ibid) fl-"affidavit" sottomess minnu kkonferma dak li xehed il-konvenut. Fil-fatt, hu kkonferma wkoll li l-fattura mahruga mill-attur kienet fil-fehma tieghu ezagerata. Inoltre esprima l-opinjoni li fil-fatt kien il-konvenut li kien kreditur tal-attur minhabba d-danni li sofra l-istess konvenut (ara wkoll id-dokument a fol 50 ibid intestata "estimate of works ..."). In kontroezami hu qal li, fil-fatt, ma kienx Perit gradwat imma "... Assistent ta' Perit". Fil-post in kwistjoni kien mar jispezzjona x-xoghol madwar sitt darbiet, bl-ewwel darba xi ftit gimghat wara li kien inbeda jsir ix-xoghol mill-attur u effettivament kien ra lil dan, f'zewg okkazzjonijiet. Hawn hu semma difetti li ra fil-"membrane" u f'"shutter" ghal konkos li kien ceda. Inoltre l-konvenut kien qal kemm kien thallas l-attur u fuq din l-informazzjoni hu kien esprima l-opinjoni lill-istess konvenut li dak li dak li hallas lill-attur ghax-xoghol li kien diga' sar, kien eccessiv anke in rigward dak mitlub mill-attur dwar "cement". Fl-ahhar nett, hu semma li "... x-xoghol ta' kostruzzjoni ma kontx involut fih ghalhekk ma kontx involut fis-"swimming pool".*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-Qorti tixtieq tirrileva in forma preliminari, illi f'dan il-kaz ma setax jigi inkarigat espert tekniku "in materia" sabiex jikkostata il-kwalita' tax-xoghol kif ezegwit mill-attur ghas-semplici fatt illi x-xoghol li sar mill-attur kien tnehha ghax allegatament u skont dejjem il-konvenut, ma kienx sar skont l-arti u s-sengha u dan wara li l-konvenut kien waqqaf lill-attur milli jkompli l-istess xoghol.*

*Illi fuq dan il-punt qed jigi rilevat illi kif jinghad mill-Artikolu 1640 (2) tal-Kodici Civili, minn jinkariga persuna jew persuni sabiex jezegwixxu xoghol, b'kuntratt t'appalt, ghandu l-jedd li jxolji unilaterlament il-ftehim bil-kundizzjonijiet li jhallas somma li tigi likwidata in konnessjoni ma' telf ta' qligh oltre tax-xoghol gja ezegwit. Izda l-konvenut ma jidhirx li applika dan l-artikolu u minflok arbitrarjament waqqaf ix-xoghol li kien qed jigi ezegwit mill-attur minhabba dak li gie diga' premess.*

*<u>Ikkunsidrat.</u>*

*l-attur qed jitlob l-ammont mitlub skont kif imnizzel fic-citazzjoni originali u kif elenkat fl-anness <u>Dok AA1</u> a fol 24 ibid. F'dan l-elenku parti mill-<u>materjal</u> mixtri mill-attur uzat fil-post, imhallas minnu stess minghajr ma' thallas mill-konvenut. Certament dan l-ammont vis-a-vis il-materjal ghandu jithallas mill-attur dwar l-ammont hemm imnizzel bhala "labour " il-konvenut jikkontendi li ta' dan m'ghandux jhallas lill-attur minhabba xoghol ezegwit hazin. Dwar dan jigi ripetut illi din il-Qorti ma kienetx f'pozizzjoni li taghmel il-verifiki necessarji, permezz ta' espert tekniku imparzjali u thoss li ma tistax tistrieh fuq dak li xehed il-konvenut kif ukoll l-"assistant perit " imsemmi u Grezzju Zammit. Kien ikun opportun illi l-istess konvenut jagixxi "per azione" billi jintavola hu stess sabiex jigi hu stess li jixxolji l-appalt minhabba xoghol ezegwit mill-attur mhux skont l-arti u s-sengha. Ghalhekk dak li allega l-konvenut ma jistax jigi kkunsiderat, tenut kont li l-attur ta verzjoni tal-fatti differenti u konflingjenti minn dik tal-konvenut dwar il-ghala ma kompliex ix-xoghol cjoe' ftehim bonarju bejniethom stess.*

*<u>Ikkunsidrat</u>*

*Illi ghalhekk it-talba atturi ghandha tigi akkolta minhabba dak premess. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin) ossija €3494.06 (tliet t'elef, erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi) bl-imghax legali mid-data tal-lum stess, stante li mill-provi ma jidhirx car meta l-attur kien twaqqaf milli jkompli x-xoghol, sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra legali tal-25 t'April 2000."*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront tas-sentenza appellata l-appellanti Charles Delia essenzjalment jilmenta mill-apprezzament tal-provi maghmula

mill-Ewwel Qorti u l-applikazzjoni skorretta tad-disposizzjonijiet ta’ dritt meta applikati ghal dawn il-provi.

Illi minn qari tat-talba li biha gew inizjati dawn il-proceduri johrog illi r-rapport guridiku bejn l-appellanti u l-appellat jista’ jigi assimilat ghal dak ta’ l-appalt. Illi l-principji legali li isawwru l-istitut ta’l-appalt gew superjorment elenkati minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta (Onor. Imhallef Philip Sciberras) fis-sentenza Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjugi Agius deciza fis-06 ta’ Ottubru 2004 meta gie mghallem:

**(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. “L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria” (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu “ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu” (Kollez Vol XL pI p485).**
**(2) “L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina” (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll “f’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem” (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972).**
**(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. “E` dovere dell’appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell’arte” (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, “l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent” (Kollez. Vol XLII pII p1003).**
**(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);**
**(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. “Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta’ l-ezekuzzjoni, jew f’ezekuzzjoni hazina, ta’ l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt” (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).**
**(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta’ dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista’ jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta’ l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-**

**Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).**

**Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt, li certament japplikaw ghal kaz in dizamina, ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghoddu l-infraskritti riflessjonijiet:-**
**(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr … …" (Kollez. Vol XLII pII p699).**
**(2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (Kollez. Vol XXX pIII p433), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);**
**(3) "A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" – "Victor Tabone -vs- Felix Mifsud", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994)[1].**

Affermati dawn il-principji legali, jirrizulta illi l-konvenut appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. Kif kellha okkazzjoni tghid, din il-Qorti tirbadixxi illi bhala qorti ta' revizjoni hija tiddisturba l-apprezzament li ikun sar minn qorti ta'l-ewwel grad biss f'kazijiet eccezzjonali fejn ikun manifest illi l-interpretazzjoni maghmula tkun wahda kjarament ingusta. Illi dak li stqarret l-Ewwel Qorti fil-kaz in dizamina kien proprju illi ghalkemm il-konvenut jilqa' ghall-azzjoni attrici billi isostni li x-xoghol ma kienx gie esegwiet skont is-sengha u l-arti, madanakollu huwa naqas milli iressaq provi konvincenti u konklussivi dwar l-istess, iktar u iktar meta kien evidenti illi ix-xoghol li kien sar mill-appellat kien gie rimoss kollu tant allura li l-Ewwel Qorti lanqas setghet tikkonstata hi *ictu oculi* jew inkella bl-assistenza ta' espert in materja in-nuqqasijiet allegati. Kwindi l-Ewwel Qorti kellha kompitu iktar iebes sabiex tistabbilixxi l-veracita *o meno* ta'l-allegazzjoni

[1] Pierre Darmanin vs Moira Agius et App. Inf 06/10/2004

tal-konvenut u allura setghet taghmel dan biss permezz ta' apprezzament tal-provi li kellha quddiemha. Fil-fatt l-Ewwel Qorti qalet hekk:

"***… il-Qorti ma kenitx f'posizzjoni li taghmel il-verifiki necessarji permezz ta' espert tekniku imparzjali u thoss li ma tistax tistrieh fuq dak li xehed il-konvenut, kif ukoll l-assistant perit imsemmi u Grezzju Zammit.***"

Il-Qorti ghaddiet ghalhekk sabiex warrbet il-verzjoni tal-konvenut billi din kienet konfliggenti ma' dak mistqarr mill-attur.

Maghdud dan u ghalkemm il-gudikant, li f'idejh jigi rimess il-kompitu li igharbel il-provi prodotti quddiemu, jista' jiskarta il-verzjoni ta' parti a favur tan-naha l-ohra, madanakollu fl-apprezzament minnu maghmul ghandu ghal ta'l-inqas jindika l-mottiv li iwasslu sabiex jaccetta it-tezi ta' parti ad eskluzjoni tal-parti l-ohra. Illi minn qari tas-sentenza impunjata, madanakollu, ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti tat xi motivazzjoni singolari dwar dak li wassalha sabiex taccetta it-tezi attrici u tiskarta dik tal-konvenut u ix-xhieda imressqa minnu.

Jinghad fis-sentenza "Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino", Appell Kummercjali, 25 ta' Frar, 1952, illi "***hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell 'On Evidence' p. 487:- 'In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called 'a moral certainty' ... The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them'***." Premess dan, allura, din il-Qorti, fuq il-fatti provati, trid tistharreg jekk l-preponderanza tal-probabilitajiet ixaqilbux l-mizien favur it-tezi ta' l-attur appellat.

Illi huwa fatt inkontestat illi l-attur kien gie inkarigat jezegwixxi diversi xogholijiet fil-proprjeta tal-appellanti; b'kollox tlett bicciet ta' xoghol li minnhom huwa thallas ghal tnejn u cioe' tax-xoghol ta' tikhil u ta' tqeghid tal-*membrane*. L-appellat jikkontendi illi kien biss meta kien qieghed jaghmel ix-xoghol fuq il-*pool* u l-*aquarium* illi l-appellanti waqaf ihallsu u hawnhekk kien hemm disgwid bejniethom, tant illi sar qbil illi l-appellat ma ikompliex fuq il-lant tax-xoghol u l-appalt gie xjolt. Illi madanakollu matul l-andament tax-xoghol jidher illi l-konvenut kien diga qieghed jilmenta fuq xoghol hazin, tant illi l-attur appellat stess jammetti illi kien rega' qala ix-xoghol tal-*membrane* kollu u ghamlu mill-gdid minhabba lamentela minn naha tal-konvenut. Ighid izda illi kien irrabja meta skopra illi kien il-konvenut appellanti li kien qieghed jaqilghu b'grampun ghal xi raguni u mhux ghax ix-xoghol ma kienx tajjeb. Mill-fatti li issuccedew bejn il-kontendenti, ghalhekk, jirrizulta illi il-partijiet lahhqu qbil illi l-appalt jigi mitmum u dan bl-accettazzjoni u l-konsapevolezza tat-tnejn u dan minaghjr ma intlahaq ftehim bejniethom ghar-rigward tal-pendenzi li kien ghad fadal. Il-konvenut, imbaghad, ghazel *sua sponte* li jkompli x-xoghlijiet permezz ta' kuntrattur iehor, certu Grezzju Zammit, u kien dan li jew ghamel ir-riparazzjoni jew issokta fuq li kien hemm. Jikkonferma dan ukoll certu Salvino Camilleri li ghalkemm mhuwiex perit, izda jaghmel xoghol f'ufficcju ta' perit u huwa intiz f'dan il-qasam. L-Ewwel Qorti, madanakollu skartat ix-xhieda ta' dawn l-ahhar tnejn minn nies, izda mis-sentenza impunjata ma tirrizulta l-ebda mottiv li wassal lil dik il-Qorti titbieghed minn dak mistqarr minn dawn ix-xhieda, hlief il-fatt illi kien difficli ghaliha sabiex tistabilixxi n-natura u l-estensjoni tad-difetti tenut kont illi l-konvenut kien lahaq ghamel ix-xoghol rimedjali.

Illi ghalkemm din il-Qorti hija tal-fehma, kif diga gie rilevat, illi huwa minnu illi l-motivazzjoni migjuba 'il quddiem fis-sentenza impunjata hija pjuttost

xotta, madankollu mill-atti istruttorja u tenut kont ukoll illi din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex l-opportunita li tisma' x-xhieda jixhdu *viva voce*, ghaliha kien ukoll kemmxejn difficli sabiex tistabbilixxi:

(1) jekk id-difetti humiex tali li jistghu jaghtu lok ghad-danni, u cioe' l-estensjoni tad-difetti riskontrati u jekk l-istess humiex insinjifikanti u setghux jigu riparati.

(2) isegwi ghalhekk illi gjaldarba huwa difficli li tigi stabbilit l-estensjoni tad-difetti riskontrati, huwa daqstant iehor difficli jigi stabbilit jekk l-appaltant ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt jew biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati, jew li l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz, billi f'dan il-kaz l-allegat difetti diga gew rimossi;

(3) Illi ghaldaqstant il-Qorti ukoll, tenut kont li ma hemmx provi bizzejjed li jindikaw n-natura tad-difetti, ma tistax tasal biex tikkonkludi illi l-appaltatur kien inadempjenti u li kwindi huwa tenut iwiegeb ghal hsara konsegwenzjali.

Issa f'dan il-kaz fejn l-appalt gie xjolt qabel it-terminazzjoni tieghu, huwa stabbilit fil-ligi illi fejn il-kommittent jittermina l-appalt sempliciment *in virtu*' tal-fakolta` lilu koncessa bl-artikolu 1640 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appaltatur mhux biss ghandu dritt ta' azzjoni ghall-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu izda wkoll somma ghall-qliegh li jkun tilef (Artikolu 1640(2)). Jekk imbaghad tezisti raguni valida li tista' tigi attribwita lill-appaltatur dan id-dritt ghall-qliegh ma jkunx intitolat ghalih (Artikolu 1640(3)). Issa fil-verita fil-kaz in ezami l-attur-appaltatur mhux qed jiddomanda somma li tekwipara ghall-qliegh li seta' jaghmel izda biss il-hlas tal-bilanc ghax-xoghlijiet minnu ezegwiti. Dan ghaliex, kif inghad ma jidhirx mill-provi illi kien l-appellanti illi unilateralment xolja il-kuntratt ta'l-appalt, izda li dan sar bi qbil bejn il-partijiet.

Ghalhekk hija il-fehma ta' din il-Qorti illi gjaldarba sar ftehim bejn il-kontendenti dwar ix-xoljiment ta'l-appalt u dan minghajr ma ittiehed kont tax-

xoghol li kien sar mill-appellat u n-natura ta'l-istess u inoltre gjaldarba l-appellanti ghazel minn jeddu illi ikompli bix-xogholijiet anke ta' natura rimedjali, ma setax imbaghad meta interpellat ghal hlas iressaq ilment li x-xoghol ma kienx gie esegwit skont is-sengha u l-arti u dana biex jilqa' ghall-azzjoni attrici ghal hlas. Dan ghaliex kien imbaghad difficli sabiex jigi stabbilit, kif diga inghad, l-estensjoni tad-difetti riskontrati u jekk l-appaltatur kienx inadempjenti. Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha tibieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandu ibatiehom l-appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------